# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1115

KAZ NRU. 1197

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Valerie Ducker

u

S. Mifsud & Sons Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum : 4 ta' Mejju, 2000

**Chairman : Is-sur Colin Tabone**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onoreveli Ministru tal-Harsien Socjali fit-28 ta' Novembru, 1997 permezz ta' ittra b'referenza MHS/TI/90/97 biex dan it-Tribunal jiddeciedi skond l-Artiklu 28(2) tal-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266) tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellanta Valerie Ducker kienet assistita mill-avukat Stephen Thake waqt li s-Socjeta' appellata kienet rapprezentata mill-avukat Andrew Borg Cardona.

Inzammu tlettax-il seduta.

L-appellanta fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha ddikjarat li kienet giet impjegata bhala gwida *full-time* fil-lingwa Franciza minn Marzu 1994 ghal perjodu indefinit. Xi zmien wara

kienet hadet licenzja ta' gwida fil-lingwa Ingliza u bdiet tahdem ukoll mat-turisti Nglizi.

Matul il-perjodu tal-impjieg taghha ta' madwar tlett snin u nofs dejjem tat l-ahjar taghha lill-kumpanija u li qatt ma rceviet ebda *complaint* minghand it-turisti - anzi rceviet ittri ta' ringrazzjament.

Fit-2 ta' Settembru zewg diretturi tal-kumanija, s-sur Neville Mifsud u s-sur Joseph Sacco baghtu ghall-appellanta u tawha l-ahbar li kienet giet *redundant* u kellha sa l-ahhar ta' Settembru, tahdem mal-kumpanija. Ir-raguni li tawha kienet li x-xoghol naqas u li ma kellhomx bzonnha aktar.

L-appellanta tissotometti wkoll li x-xoghol taghha ta' gwida bil-franciz u bl-ingliz ghadu jezisti mal-kumpanija u ghaldaqstant ma kienetx *redundant*. Allegat ukoll li x-xoghol ghadu jezisti u li kienet taf li dan ix-xoghol baqa' jsir minn gwidi minghajr licenzji jew minn gwidi *freelance*. Mill-bidu t'Ottubru, gie allegat li l-kumpania qabbdet bosta gwidi *freelance* bl-ingliz u bil-franciz.

Min naha tal-kumpanija fl-istqarrija taghha ddikjarat :

(1) li dawn il-proceduri ghandhom jigu dikjarati nulli peress li s-Socjeta' S.M.S Ltd ma tezistix;

(2) li dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni jisma' l-kaz peress li t-terminazzjoni tal-impjieg sehh minhabba *redundancy*;

(3) illi l-fatti huma li s-Socjeta' sfat f'sitwazzjoni li ma kellhiex bzonn is-servizzi ta' l-appellanta minhabba nuqqas ta' xoghol fis-settur li kienet impjegata. Avolja ma kienetx obbligata, il-kumpanija raw kif ghamlu biex

joffru xoghol alternattiv lill-appellanta flimkien ma' xi ohrajn li kienu wkoll milqutin mill-ezercizzju ta' "*redundancies*", pero' bir-reazzjoni taghha l-appellanta wriet li ma kienetx interessata u ghalhekk il-kumpanija ma kellhiex alternattiva hlief li jillicenzjawha.

Il-kumpanija kienet kostretta li tirrikori ghall-uzu ta' gwidi turistici, kemm *part-time* jew *freelance* skond il-kaz u minhabba konsiderazzjonijiet finanzjarji kawzati min-nuqqas ta' turisti fis-setturi relevanti. L-appellanta kienet impjegata bhala gwida *full-time*, liema mpjieg m'ghadux disponibbli f'dan l-istadju. Il-kumpanija ntimata ghaldaqstant titlob li dan il-kaz m'ghandux jinstema' minn dan it-Tribunal.

Peress li s-Socjeta' appellata qed issostni li dan il-kaz huwa kaz ta' *redundancy*, it-Tribunal irid iqis jekk it-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' Valerie Ducker kienx ikkawzat minn hekk.

Mill-provi li ngiebu miz-zewg partijiet biex isostnu t-tezi taghhom jirrizulta li hemm pozizzjonijiet divergenti.

**Kunsiderazzjonijiet**

(1) It-Tribunal iqis li l-post ta' *full-time guide* ta' Valerie Ducker huwa "*in the main*" fil-lingwa franciza.

(2) Il-figuri u l-*expectations* tal-kumpanija ghar-rigward it-turizmu francis juru li l-*expectations* ma gewx milhuqa u ntwerew figuri li l-istat tat-turizmu f'dan is-*segment* kien sejjer lura. Avolja dawn ic-cifri ma gewx accettati mill-appellanta, ma gewx prezentati figuri ohra.

(3) It-tezi ta' l-appellanta dwar l-ingagg ta' gwidi *part-time* u *freelance* wara r-reorganizazzjoni u t-terminazzjoni tal-impjieg taghha timmerita kjarifikazzjoni. Hija ma taccettax it-tezi tas-Socjeta' intimata ta' *redundancy.*

Hawnhekk wiehed irid jistqarr li kumpanija ghandha dritt li tirristruttura ruhha biex tisalvagwardja l-ezistenza taghha f'ambjent ekonomiku li topera fih. Dan jista' jgib sitwazzjonijiet kemm ta' *abolition of post* jew *redundancy.*

Nikkwota t-Tribunal Industrijali diversament presedut dwar id-distinsjoni bejn l-*abolition of post* u *redundancy.* Din id-distinzjoni hija cara avolja l-effett ahhari jista' jkun identiku. L-*abolition of post* huwa rizultat ta' ristrutturazzjoni ta' l-istess azjenda jew ghal raguni ta' ekonomija, jew kawza ta' tibdil fin-natura ta' l-azjenda jew f'kaz ta' amalgamazzjoni.

Min-naha l-ohra r-*redundancy* hija effett ta' tnaqqis mill-impjegati ghar-ragunijiet li jistghu ikunu simili ghal ta' qabel, izda generalment minhabba f'*rentrenchment* jew minhabba sitwazzjoni finanzjarja li sejra ghall-aghar.

Fil-kaz odjern ma jirrizultax li dan huwa kaz ta' *abolition of post.* Hawnhekk nixtieq niffoka fuq il-post ta' *full-time guide* u dak ta' *freelance* jew *part-time guide.*

Il-kumpanija sostniet li fil-kalkoli taghha kienet tippreferi li jkollha gwidi *full-time,* pero' meta s-sitwazzjoni fit-turizmu mis-snin 1994 sa 1997 kienet qed turi sinjali cari ta' tnaqqis, wisq aktar meta s-Socjeta' appellata kienet tilfet kumpanija, dan il-fatt kompla jippeggjora s-sitwazzjoni.

It-Tribunal, wara li qies it-tezijiet taz-zewg partijiet, jemmen li dan il-kaz kien wiehed ta' *Redundancy* u ghaldaqstant it-Tribunal mhux kompetenti li jidhol f'kazijiet bhal dawn.

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali Nru. 48 tal-1986, it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin lira maltin (Lm40) kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

-----------------
**Colin Tabone**
**CHAIRMAN**

---------------
**Emma Muscat**
**A/SEGRETARJA**

mrg